



Brussell, 3 ta' April 2025
(OR. en)

7665/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0061(BUD)

FIN 365
SOC 190

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Fladdiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju (EGF/2024/003 BE/Van Hool)

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju (EGF/2024/003 BE/Van Hool)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji godda², u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48, , ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/691/oj>.

² ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28, , ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinst/2020/1222/oj.

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-għan li juri solidarjetà u li jippromwovi impjiegi deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema ssensjati u għal persuni b'impjieg indipendenti li l-attività tagħhom tkun waqfet fil-każ ta' avvenimenti kbar ta' ristrutturar u jgħinhom jirritornaw għal impjieg deċenti u sostenibbli mill-aktar fis possibbli.
- (2) L-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (bil-prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093¹, emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765², u l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/691.
- (3) Fid-29 ta' Ottubru 2024, il-Belġju sottometta applikazzjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, fir-rigward tas-sensji tal-ħaddiema f'Van Hool N.V. fil-Belġju. Din ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2021/691. Dik l-applikazzjoni titqies konformi mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/691, abbażi tal-valutazzjoni li saret mill-Kummissjoni fil-Proposta għal deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li jiġi mobilizzat il-FEG biex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 7 999 015 fir-rigward tal-applikazzjoni sottomessa mill-Belġju.
- (5) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed biex jiġi mobilizzat l-FEG, din id-deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj>).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj>).

³ COM(2025) 001.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-bagħit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja tal-2025, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi l-ammont ta' EUR 7 999 015 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandha tapplika minn *[id-data tal-adozzjoni tagħha]**

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

* *Id-data għandha tiddaħħal mill-Parlament Ewropew qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.*